**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 24 ta' Novembru 2022**

Rikors Numru: 475/22 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 702/1978)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-esponenti u l-intimata kienu zzewgu nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' April tas-sena elf disgha mija tmienja u sebghin (1978) [Dok A];

2. Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ippublikat fl-atti tan-Nutar Dr. Margaret Heywood datat sittax (16) ta' Jannar tas sena elfejn u tlieta (2003) [Dok B] u qatt ma regghu rrinkonciljaw;

3. Illi l-partijiet ilhom jghixu separati de facto minn xulxin mill-elfejn u tlieta (2003);

4. Illi miz-zwieg twieldu taghhom twieldu tlett (3) ulied u D B li twieled fl ghoxrin (20) ta' Mejju tas-sena elf disgha mija erbgha u tmenin (1984), F B li twieled fit-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija sitta u tmenin (1986) u G B li twieled fil-hamsa (5) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija hamsa u disghin (1995) ghaldaqstant it-tnejn huma maggorenni.

5. Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment;

6. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

7. Illi l-komunjoni tal-akkwisti giet xolta permezz tal-kuntratt hawn fuq imsemmi;

8. Illi l-esponenti qieghed jipprezenta kopja tal-affidavit tieghu li qiegħed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok RB01.

9. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorenti;

Rat id-digriet taghha tat-30 ta’ Settembru 2022;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla li fuq domanda tal-Qorti wiegbet li m'ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-16 ta' Jannar 2003.

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.